# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-24 t'Ottubru, 2017.**

**Rikors Numru 463/2013 SM**

**Vincent Arnaud**
**Karta ta' Identita` Numru 239950 M**

**vs.**

**Salvina Abela**

**u**

**b'digriet tal-24 ta' Frar, 2015, l-atti gew legittimati f'isem Rita Xerri, Anthony Abela, Jesmond Abela u Anna Maria Cini**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-15 ta' Mejju, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi Giovanna Arnaud, omm ir-rikorrenti Vincent Arnaud u l-intimata Salvina Abela, kellha l-abitazzjoni taghha fil-fond numru 12, Triq l-Isptar il-Qadim, Valletta, hlief ghal xi kmamar fil-pussess tal-intimata;

1.2. Illi r-rikorrenti kellu cavetta tal-bieb tal-fond fuq riferit u kellu access liberu ghall-istess;

1.3. Illi wara li mietet oht il-kontendenti l-intimata biddlet is-serratura tal-bieb tal-istess fond u qeghda abbuzivament timpedixxi lir-rikorrenti milli jidhol fil-fond *de quo*;

1.4. Illi l-intimata abbuzivament approprijat ruhha mill-oggetti fl-abitazzjoni li huma wirt ta' omm il-kontendenti;

1.5. Illi *nonostante* li giet interpellata, l-intimata baqghet tirrifjuta lir-rikorrenti mill-access liberu ghall-fond *de quo* u ghall-oggetti tal-wirt ta' ommhom, (ara foll 4);

1.6. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex l-intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.6.1. Tordna lill-intimata minnufih tippermetti l-access hieles ghar-rikorrenti ghall-fond fuq riferit;

1.6.2. Fin-nuqqas, tawtorizza lir-rikorrenti biex ibiddel is-serratura tal-bieb tal-fond *de quo*, a spejjez tal-intimata;

1.6.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimata;

2. Rat id-digriet taghha datat iz-17 ta' Mejju, 2013, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata;

3.0. Rat ir-risposta datata t-12 ta' Gunju, 2013, li permezz taghha sintetikament wiegbet bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 12):

3.1. Illi r-rikorrenti m'ghandu l-ebda dritt ta' access ghall-fond *de quo*;

3.2. Illi l-fond in dizamina jappartjeni lil terzi u kien mikri lill-omm il-kontendenti;

3.3. Illi l-istess kirja sussegwentement giet trasfuza lill-intimata u lill-mejjet zewgha wara li mietet omm il-kontendenti;

3.4. Illi ghalhekk permezz tal-procedura odjerna r-rikorrenti qieghed jipprova jikseb dritt li jaccedi fid-dar tal-abitazzjoni tal-intimata;

3.5. Illi hu minnu li ghal ftit xhur – snin ilu – r-rikorrenti kellu kopja tac-cavetta tal-istess fond;

3.6. Illi hu minnu wkoll li meta madwar seba' snin ilu biddlet ic-cavetta tal-istess fond, l-intimata ma tatx kopja taghha lir-rikorrenti;

3.7. Illi t-termini ghall-istituzzjoni t'azzjonijiet possessorji ghalqu snin ilu;

3.8. Illi l-fatt li r-rikorrenti xi darba ezercita` dritt fir-rigward m'ghandu l-ebda rilevanza f'azzjoni li mhix possessorja;

3.9. Illi tirriserva d-dritt li tressaq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jew ta' dekadenza skont il-kaz;

3.10. Salv risposti ulterjuri;

3.11. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4. Rat id-digriet taghha datat il-11 t'Ottubru, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 142), u kif sussegwentement estiza, (ara foll 152);

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-21 ta' Novembru, 2016, (ara foll 143), flimkien ma dik tal-intimati, (ara foll 153);

6. Semghet ix-xhieda prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti *in atti*;

8. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi il-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

9.1. Illi l-fond in dizamina hu komunement imsejjah kerrejja u hu konsistenti f'diversi kmamar li fihom kienu jirrisjedu seba' (7) familji, (ara foll 1, 20, 23 u 40);

9.2. Illi l-indirizz tal-istess hu 12, Triq l-Isptar il-Qadim, il-Belt, (ara foll 1);

9.3. Illi ghalkemm il-fond in dizamina kien strutturat f'diversi kmamar, (ara foll 23 u 40), kien hemm "meter" tad-dawl wiehed u qatt ma kienu "flats", (ara foll 94);

9.4. Illi minhabba cirkostanzi specifici, omm il-kontendenti Vincent u Salvina kienet stiednet lil din tal-ahhar biex terga' tigi toqghod maghha fl-imsemmi fond, u assenjatilha l-kamra numru 3, (ara foll 20 u 40);

9.5. Illi fl-1989 mietet omm il-kontendenti, (ara foll 21);

9.6. Illi l-intimata Salvina Abela biddlet ic-cavetta tal-bieb principali tal-istess fond, u konsegwenza tal-istess ir-rikorrenti ma setghax jaccedi aktar fl-imsemmi fond, (ara foll 21);

9.7. Illi ghalhekk ir-rikorrenti hass li kien kostrett jintroduci din il-procedura;

9.8. Illi *di piu`*, isosstni wkoll li l-istess intimata approprijat ruhha mill-mobbli li kienu fl-istess fond – liema mobbli jappartjenu lill-wirt tal-istess kontendenti;

9.9. Illi l-intimata ssosstni sintetikament is-segwenti:

9.9.1. Illi mhux minnu li r-rikorrenti ghandu dritt ta’ access fir-rigward;

9.9.2. Illi in effetti l-istess fond hu proprjeta` ta’ terzi u kien biss ghand omm il-kontendenti b’titolu ta’ kera;

9.9.3. Illi l-istess kirja giet trasfuza lilha mal-mewt t’ommha;

9.9.4. Illi kull m’hu jaghmel ir-rikorrenti permezz tal-procedura odjerna hu li jipprova jakkwista access liberu ghad-dar t’abitazzjoni taghha;

9.9.5. Illi biddlet ic-cavetta seba’ (7) snin qabel ma giet intavolata din il-procedura;

Ikkunsidrat:

10. Illi permezz ta’ nota datata z-19 ta’ Mejju, 2016, ir-rikorrenti ddikjara li l-procedura odjerna minnu intrapriza hi:

> “...kawza possessorja intiza sabiex l-esponenti jerga’ jinghata access hieles ghall-immobbli gewwa n-numru 12, Triq l-Isptar il-Qadim, Valletta”;

11. Illi minkejja s-suespost ir-rikorrenti ma jispecifikax liema azzjoni possessorja partikolari qieghed jindirizza – element essenzjali fir-rigward;

Ikkunsidrat:

12. Illi fid-dawl tas-suespost issir riferenza ghas-sentenza tal-***Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri***, fl-ismijiet

***Martin u Carmela konjugi Vella et vs. Loreta Borg et***, datata t-***3 ta' Mejju, 2012***, li tistipula s-segwenti fir-rigward:

> "Dawn l-azzjonijiet possessorji taht il-Kodici Civili taghna huma tnejn u cioe`:
>
> "i. l-azzjoni sabiex il-pussessur jinzamm fil-pussess f'kaz ta' molestja (artiklu 534); u
>
> "ii. l-azzjoni ghar-radd tal-pussess f'kaz ta' spoll, (artiklu 535);
>
> "Fl-ewwel kaz l-attur li jkun gie disturbat fil-pussess jitlob li ma jibqax jigi imfixkel fit-tgawdija tieghu tal-haga. Fit-tieni kaz jitlob li jerga jitqieghed fl-istat li kien qabel ma gie mnezza bi vjolenza jew bil-mohbi minn dak il-pussess. Il-Borsari hekk ifisser id-distinzjoni bejn iz-zewg azzjonijiet: *Chi e` molestato mel possesso puo` chiedere la manutenzione e chi e' stato spogliato del possesso puo` chiedere la reintegrazzione: in quell caso il possesso si ritiene quantunque intorbidato dalla molestia in questo il possesso e` perduto* (Comm. Cod. Civ. Vol II ♯ 1186)"

Ikkunsidrat:

13. Illi gialadarba r-rikorrenti ma jispecifikax liema mill-azzjonijiet possessorji hi l-procedura prezenti minnu intrapriza, din il-qorti hi kostretta tanalizza l-artikli 534 u 535 tal-Kapitlu 16 biex b'hekk tkun tista' tasal ghal din il-konkluzjoni hi stess;

Ikkunsidrat:

14. Illi fl-essenzjalita` tieghu l-artiklu 534 tal-Kap 16 hu l-***actio manutentionis*** li jistipula li:

> "Kull min, waqt li jinsab fil-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' haga immobbli, jew ta' universalita` ta' hwejjeg mobbli, jigi mmolestat f'dak il-pussess, jista', <u>fi zmien sena mill-molestja</u>, jitlob li jinzamm f'dak il-pussess, basta li ma jkunx ha b'idejh dak il-pussess

minghand il-konvenut bi vjolenza jew bil-mohbi, jew ma jkunx kiseb minghandu dak il-pussess b'titolu prekarju";

15. Illi min-naha l-ohra fl-essenzjalita` tieghu l-artiklu 535 tal-Kap 16 hu *l-**actio spolii*** li jistupula li:

> "1. Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, mohbi, mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista' fi zmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terga tigi mqeghda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-artiklu 791 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;
>
> "2. Dan it-tqeghid mill-gdid fil-pussess jigi mill-qorti wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-haga li taghha l-attur ikun bata l-ispoll";

Ikkunsidrat:

16. Illi l-*actio manutentionis* hi intiza biex twaqqaf il-molestji li tkun qed taghmel il-parti molestanti – u mhix intiza biex tirrintegra l-pussess;

17. Illi in effetti hi azzjoni li hi intiza biex tassikura l-godiment pacifiku tal-pussess u biex tinibixxi kwalunkwe att li jittraduci ruhhu f'ostaklu ghall-pussess pacifiku;

18. Illi ghalhekk, permezz tal-istess azzjoni ikun qieghed jintalab li l-molestja tiddesisti;

19. Illi din l-azzjoni tinghata <u>biss</u> lil min ikollu l-pussess – ikun ta' liema xorta jkun;

20. Illi konsegwenza tal-istess min jitlef il-pussess ma jistax iressaq din l-azzjoni wara li jkun ghadda l-perjodu ta' sena (1);

21. Illi ghalhekk, min materjalment jitlef il-pussess in dizamina ma jitlifx il-pussess legali minnufih *stante* li jzomm il-pussess *solo animo* ghal sena (1);

Ikkunsidrat:

22.0. Illi fid-dawl:

22.1. Kemm tar-rekwiziti tal-istess *actio manutentionis,* (ara paragrafu numru erbatax, (14.), aktar qabel);

22.2. Kif ukoll tas-sentenza fl-ismijiet ***Vella et vs. Borg***, (ara paragrafu numru tnax, (12.), aktar qabel),

ghandu jirrizulta pacifiku li l-azzjoni possessorja in dizamina hi l-*actio manutentionis* u mhux l-actio *spoli* fuq riferita;

Ikkunsidrat:

23.0. Illi fir-rigward tar-raba eccezzjoni sollevata mill-intimati, (ara foll 12), jinghad sintetikament is-segwenti:

23.1. Illi r-rikorrenti kien bghat ittra interpellatorja lill-intimata Abela fl-10 ta' Dicembru, 2007, (ara foll 79);

23.2. Illi l-procedura odjerna giet intavolata fil-15 ta' Mejju, 2013, (ara foll 1), kwazi sitt (6) snin wara l-molestja;

23.3. Illi ghalhekk il-procedura odjerna giet intavolata abbundantement oltre l-perjodu stipulat ghal tali azzjoni fl-artiklu 534 tal-Kap 16, (ara paragrafu numru erbatax, (14.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

24. Illi konsegwenza tal-istess superament tat-terminu perentorju fuq indikat wiehed mill-erba' (4) rekwiziti tal-artiklu 534 fuq riferit ma giex sodisfatt;

25. Illi *di piu`*, l-erba' rekwiziti hemm riferiti huma mehtiega li jkunu sodisfatti kumulattivament;

26. Illi konsegwentement, la r-rekwiziti tal-artiklu 534 tal-Kap 16 ma jirrizultawx ghalhekk sodisfatti, allura l-*actio manutentionis* tentata mir-rikorrenti ma tistax tirnexxi;

27. Illi konsegwentement ghandha tigi akkolta ir-raba' (4) eccezzjoni sollevata mill-intimati;

Ikkunsidrat:

28. Illi ghall-ekonomija tal-gudizzju jinghad li ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-tieni parti tal-talba tar-rikorrenti senjatament fejn isosstni li l-intimata Salvina Abela approprijat ruhha minn oggetti mobbli li kienu fil-fond in dizamina li kienu parti mill-wirt kommuni tal-kontendenti, jinghad li ghandha ssir kawza *ad hoc* fir-rigward;

Ikkunsidrat:

29.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li r-rikorrenti m'ipprovax it-talbiet tieghu, u konsegwentment:

**DECIDE:**

29.1 Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

29.2. Takkolji r-risposti tal-intimati;

29.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**